

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġit

20.9.2006

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Implimentazzjoni tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għall-2006

Jekk jogħġbok, hawnhekk għandek issib mehmuża proposta għat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet C19 - sena finanzjarja 2006

DIRETTORAT ĠENERALI
GĦALL-POLITIKI INTERNI

Is-Sur Janusz LEWANDOWSKI
Chairman tal-Kumitat għall-Baġit

Suġġett: Talba għat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet C19 - sena finanzjarja 2006

Għażiż Sur Lewandowski,

Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 24 u 43 tar-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002, hawnhekk, jekk jogħġbok, għandek issib mehmuża talba għat-trasferiment ta' appropriazzjonijiet.

Inkun grat ħafna jekk inti tippreżenta dan l-abbozz ta' trasferiment lill-kumitat tiegħek, jekk inhu possibbli waqt il-laqgħa tiegħu fis-26 ta' Settembru 2006.

Dejjem tiegħek,

Josep BORRELL FONTELLES

Anness: Talba għat-trasferiment ta' l-appropriazzjonijiet C19/2006

I. KIF JINSABU L-APPROPRJAZZJONIJIET: skond Finics fit-18 ta' Settembru 2006

Appropriazzjonijiet tal-bidu trasferimenti ± AB ±	Impenji meħuda	Ħlasijiet magħmula	Appropriazzjonijiet disponibbli qabel it-trasferiment propost	Ammont tat-trasferiment propost	Appropriazzjonijiet disponibbli wara t-trasferiment propost
MINN					
1005 "Spejjeż ta' l-ivvjaġġar speċjali fl-eżerċizzju tal-mandat Parlamentari"					
1 710 000	910 000	310 334	800 000	- 660 000	140 000
109 "Appropriazzjoni proviżorja biex tkopri l-'allowances' tal-Membri ta' l-Istituzzjoni"					
1 000 000	0	0	1 000 000	- 1 000 000	0
230/02 "'Stationery', fornimenti ta' l-uffiċċju u affarijiet varji konsumabbli: karti għall-'print shop'"					
913 220	69 521	44 610	843 699	- 800 000	43 699
kapitolu 100 "Appropriazzjoni proviżorja"					
33 681 580					
- 18 478 000	Trasferimenti				
15 203 580	0	0	15 203 580	- 7 203 580	8 000 000
kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza"					
13 175 813					
- 4 639 341	Trasferimenti				
8 536 472	0	0	8 536 472	- 336 420	8 200 052
TOTAL LI JRID IKUN ITTRASFERIT 'IL BARRA				- 10 000 000	
LILL					
2001/03 "Ħlasijiet annwali tal-kera: Brussell"					
1 136 000	1 135 023	1 135 023	977	+ 10 000 000	10 000 977
TOTAL LI JRID IKUN ITTRASFERIT 'IL BARRA					

II. ĠUSTIFIKAZZJONI

2001/03 "Ħlasijiet annwali tal-kera: Brussell"

+ € 10 000 000

1. Din l-appropriazzjoni maħsuba biex tkopri l-ħlasijiet annwali tal-kera ta' bini jew partijiet minn bini skond kirjiet eżistenti jew kirjiet fil-proċess ta' preparazzjoni.

L-iskop ta' din it-talba għal trasferiment hu biex tiddaħħal is-somma ta' € 10 000 000 biex jagħmlu tajjeb għas-sotto-entrata 2001/03 "Ħlasijiet annwali tal-kera: Brussell" bl-għan li jsiru ħlasijiet minn qabel kontra biex jagħmlu tajjeb għall-ħlasijiet annwali tal-kera li għandhom isiru għall-Binjiet D4 u D5 li għadhom jinbnew fi Brussell.

Il-prinċipju ta' ħlasijiet bil-quddiem

2. Il-ħlasijiet bil-quddiem biex jagħmlu tajjeb għall-ħlasijiet annwali tal-kera li għandhom isiru, hi għażla mogħtija lill-Parlament permezz tal-Ftehim iffirmat fl-14 ta' Ottubru 2004 bejn l-iżviluppatur tal-Binjiet D4/D5, SA Promotion Léopold, u l-Parlament. Il-ħlasijiet

bil-quddiem li jsiru qabel it-tlestija tal-binjiet ser jiġu inkorporati fl-ispiża proviżorja ta' l-investment finali.

3. F'termini finanzjarji, il-ħlasijiet bil-quddiem waqt il-fażi ta' kostruzzjoni ser jippermettu lill-Parlament biex inaqqas l-ispiża finanzjarja billi jittnaqqas l-ammont ta' interess interim minħabba l-konnessjoni ma' l-iffinanzjar minn banek.
4. Kull pass jittieħed biex ikun żgurat li l-ebda riskju ma jintrabat ma' ħlasijiet bil-quddiem. Il-ħlasijiet bil-quddiem m'għandhomx jaqbu l-livell totali ta' investment minn SA Promotion Léopold meta jsiru dawn il-ħlasijiet. L-ammont ta' dan l-investment hu stabbilit u ċċekkjat permezz ta' verifika magħmula minn espert magħżul wara sejħa għall-offerti.

Is-sitwazzjoni finanzjarja fl-2006

5. Is-sena li għaddiet, il-Kumitat għall-Baġit awtorizza trasferiment ta' tindif ('mopping up') C26 meta ltaqa' fit-22 u fit 23 ta' Novembru 2005 u t-trasferiment ta' tindif kumplimentari C27 fit-12 ta' Diċembru 2005. B'hekk twarrab ammont ta' € 46 199 590 bħala ħlas minn kmieni biex jagħmel tajjeb għall-ispiża tal-binjiet D4/D5. Ammont żgħir tħallas f'Diċembru 2005. L-€ 45 274 553 li kien baqa' ġew impenjati fl-2005 u tmexxew biex ikopru n-nefqa ta' l-2006.
6. Fuq bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-iżviluppatur SA Promotion Léopold, l-investment tagħhom waqt l-2006 hi mistenni li jammonta għall-madwar € 80 miljun. L-ewwel ħlas ta' €22.4m sar f'Mejju 2006. Il-bqija ta' l-appropriazzjonijiet tmexxew biex ikopru n-nefqa sa l-aħħar ta' Lulju. Il-ħlas li jmiss hu f'Ottubru u hemm bżonn ta' € 10m oħra biex jitkopra. Jekk il-Parlament ma jħallasx l-ammont dovut, l-iżviluppatur ser jaqa' lura fl-iffinanzjar tal-bank skond il-kuntratt. Kull spiża mġarrba jrid jidħol għaliha l-Parlament. Sabiex jiġu evitati dawn l-ispejjeż finanzjarji, saret il-proposta tat-trasferiment t'issa.
7. L-aħħar ħlas lill-iżviluppatur għandu jsir fl-aħħar ta' Diċembru jew fil-bidu ta' Jannar tas-sena d-dieħla. Li jirriżulta fl-aħħar tas-sena tal-proċedura ta' tindif jista' jintuża għal dan il-għan.
8. Ta' min jinnota li ħlasijiet minn quddiem huma possibiltà offruta mill-kuntratt ma' l-iżviluppatur. Għalhekk, m'hemm l-ebda obligazzjoni legali jew kuntrattwali għal ħlas f'Ottubru. Minkejja dan, ħlas bil-quddiem hu ppropost sabiex isalva l-interessi li jkollhom jitħallsu u biex jitnaqqsu l-ħlasijiet tal-kera wara t-tlestija tal-bini.

Ġustifikazzjoni ta' disponibilitajiet

9. Il-fatturi sinifikanti li ġejjin, jispjegaw għalfejn l-ammonti pproposti għat-trasferiment huma disponibbli:

**Entrata 1005 "Spejjeż ta' l-ivvjaġġar speċjali fl-eżerċizzju tal-mandat Parlamentari"
- € 660 000**

In-numru ta' nies li se jibbenefikaw minħabba din l-intestaura hu diffiċli li wieħed jipprevedih. Kull Membru hu intitolat għall-massimu ta' € 3 826 fl-2006. In-numru ta' nies li se jibbenefikaw fi ħdan dan il-limitu hu aktar baxx minn kif kien previst.

Artikolu 109 "Appropriazzjoni proviżorja biex tkopri l-'allowances' tal-Membri ta' l-Istituzzjoni"

- € 1 000 000

Din l-appropriazzjoni hi maħsuba biex tkopri l-effetti ta' kull aġġustament tal-ħlasijiet lill-Membri ta' l-Istituzzjoni. L-appropriazzjoni hi purament proviżorja u tista tintuża biss wara t-trasferiment tagħha għal intestatura oħra skond ir-Regolament Finanzjarju. L-ebda deċiżjoni finanzjarja b'responsabilità li tiġġenera infiq għall-Parlament ma ttieħdet fl-2006.

Sotto-entrata 2300/02 "'Stationery', fornimenti ta' l-uffiċċju u affarijiet varji konsumabbli - karti għall-'print shop'"

€ 800 000

In-numru ta' paġni stampati niżel fl-2005 (-28%), u b'mod partikulari dan ġara minħabba produzzjoni aktar immirata u żieda fid-distribuzzjoni tad-dokumenti elettroniċi. Kien hemm żieda ta' erba' darbiet fin-numru ta' paġni fuq s-websajt tal-Europarl meta mqabbel ma' l-istess perjodu fl-2005. Dan l-iżvilupp jispjega l-ammont żejjed għal din l-intestatura.

Kapitolu 100 "Appropriazzjoni proviżorja"

€ 7 203 580

Meta l-baġit għas-sena finanzjarja 2006 ġie vvutat fl-ewwel qari tas-27 ta' Ottubru 2005, il-Parlament adotta numru ta' emendi li bihom iddeċieda li jpoġġi ċertu ammonti minn linji varji tal-baġit fir-riserva tal-Kapitolu 100, fost l-oħrajn:

- Emendi nri 677 u 790: € 6 000 000 mill-entrata 2100 "Xiri, isservissjar u manutenzjoni ta' tagħmir u softwer, u xogħol relatat" u € 53 843 mill-entrata 1200 "Uffiċjali u staff temporanju: rinumerazzjoni u 'allowances'" u € 619 mill-Artikolu 124 "Appropriazzjoni proviżorja". Il-Parlament iddeċieda li jħalli l-ammonti fir-riserva *"sakemm informazzjoni komprensiva dwar il-proġetti u l-implikazzjonijiet baġitarji tagħhom jiġu trasmessi lill-Kumitat għall-Baġit."*

Fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' April 2006, il-Kumitat tal-Baġit awtorizza li jiġu rilaxxati € 4 000 000 biss, l-appropriazzjonijiet relatati mal-proġett ELVIS u ż-żewġ postijiet ipproposti li kienu baqgħu fir-riserva (trasferiment C8).

L-amministrazzjoni m'għandha l-ebda intenzjoni li titlob għar-rilaxx ta' l-ammonti li baqa'.

- Emenda nru 798: € 1 000 000 mill-entrata 3241 "Pubblikazzjonijiet ġenerali" *"l-istennija tat-tressiq ta' proposti speċifiċi mis-Segretarju Ġenerali biex gruppi politiċi*

jkunu aktar involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar pubblikazzjonijiet u t-tqassim ta' l-informazzjoni."

Fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006, il-Kumitat għall-Baġit ma awtorizzax ir-rilaxx ta' dan l-ammont mitlub (trasferiment C2).

L-amministrazzjoni m'għandha l-ebda intenzjoni li titlob għar-rilaxx ta' l-ammont ikkonċernat.

- Emenda nru 798: € 1 000 000 mis-sotto-entrata 3241/01 "In-nefqa fuq pubblikazzjoni, informazzjoni u parteċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi: l-ispiża tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' pubblikazzjonijiet (fuq il-karta u f'forma elettronika)", € 823 000 mis-sotto-entrata 3242/02 "In-nefqa fuq pubblikazzjoni, informazzjoni u parteċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi: attivitajiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni" u € 200 000 mis-sotto-entrata 3241/03 "In-nefqa fuq pubblikazzjoni, informazzjoni u parteċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi: parteċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi, fieri tal-kummerċ u esibizzjonijiet" *"l-istennija tat-tressiq ta' proposti speċifiċi mis-Segretarju Ġenerali biex gruppi politiċi jkunu aktar involuti fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar pubblikazzjonijiet u t-tqassim ta' l-informazzjoni."*

Fil-laqgħa tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006, il-Kumitat għall-Baġit ma awtorizzax ir-rilaxx mitlub tat-tliet ammonti għal total ta' € 2 023 000 (trasferiment C2).

L-amministrazzjoni m'għandha l-ebda intenzjoni li titlob għar-rilaxx ta' l-ammont ikkonċernat.

- Emenda nru 675: € 2 000 000 mill-entrata 2008 "Infiq ieħor fuq bini" *"sakemm informazzjoni tiġi pprovduta mill-Amministrazzjoni tal-Parlament dwar l-ispiża ta' l-istudji dwar tagħmir awdjoviżiv għall-binjiet D4 u D5 u ż-żona tal-bżonnijiet soċjo-kulturali (Ċentru tal-Viżitaturi) fil-binjiet D4 u D5."*

L-amministrazzjoni m'għandha l-ebda intenzjoni li titlob għar-rilaxx ta' l-ammont ikkonċernat.

- Emenda nru 673: € 124 684 mill-entrata 1200 "Uffiċjali u staff temporanju: rinumerazzjoni u 'allowances'" u € 1 434 mill-Artikolu 124 "Appropriazzjoni proviżorja" għall-ħolqien ta' 5 postijiet għall-programm ta' apprendistat tal-PE (1 A* u 4 B* fl-unità tat-taħriġ vokazzjonali).

L-amministrazzjoni m'għandha l-ebda intenzjoni li titlob għar-rilaxx ta' l-ammont ikkonċernat.

Peress li l-amministrazzjoni m'għandiex il-ħsieb li titlob għar-rilaxx ta' l-appropriazzjonijiet kollha fir-riserva hawn fuq imsemmija, dawn jistgħu jintużaw għall-proposta tat-trasferiment t'issa.

Kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza"

€ 336 420

Il-bilanċ ta' € 10m mitluba jistgħu jittieħdu mill-Kapitolu 101 "Riżerva ta' kontinġenza" fejn hu disponibbli.

10. *Fiċ-ċirkostanzi, hu ppropost li l-ammonti hawn fuq imsemmija jiġu trasferiti għas-sotto-entrata 2001/03 "Ħlasijiet annwali tal-keru: Brussell"*

III. TALBA MILL-UFFIĊJAL AWTORIZZANTI DELEGAT LI QED JIRĊIEVI T-TRASFERIMENT

Nicolas RIEFFEL

Firma:

Data:

IV. APPROVAZZJONI TA' L-UFFIĊJALI AWTORIZZANTI DELEGATI LI QED JIKKONĊEDU T-TRASFERIMENT

Intestatura/i tal-baġit: 230/02

Gérard BOKANOWSKI

Firma:

Data:

Intestatura/i tal-baġit: 1005, 109

Roger VANHAEREN

Firma:

Data:

